KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 19** **Tlieta 9 ta' Ġunju 2020**

Il-Kunsilli Lokali Mosta jlaqqa laqgħa tal-Kunsill li ser tinżamm online permezz ta Microsoft Teams fis-6:10 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Romilda B. Zarb – Sindku
Christopher Grech – Viċi-Sindku
Keith Cassar- Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Angele Rapa - Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier
Rachel Abela – Kunsillier
Shirley Abela – Kunsillier
Aiken Zerafa – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Mario Victor Camilleri – Kunsillier
Joseph Edward Howard – Kunsillier
Mikhail Micallef -Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Romilda B. Zarb ippresediet l-laqgħa.

**19.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**19.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 18**
**REF: 14.3.2 Two CCTV cameras sponsored by Regjun Tramuntana**
Is-Sindku nfurmat li r-Reġjun taw indikazzjoni li l-*cameras* ħa jiswew bejn 600 Ewro u 1000 Ewro l-waħda, però jista' jkun li jkunu jistaw jġibu prezz irħas jekk ningħaqdu bħala Kunsilli.

Il-membri preżenti unanimament qablu fuq il-kwotazzjoni ta' mhux iktar min 600 Ewro li jkun inkluż *internet* wkoll.

Fuq nota oħra relatata mas-CCTV *cameras*, is-Sindku nfurmat li flimkien mal-Kunsillier Micallef, ltaqaw ma problema fi Vjal Qalbiena Mostin min mindu fetaħ l-istabbiliment tal-

Maypole. F'din iż-żona qed jkun hemm inkonvenjent fejn min qed jmur jixtri min dan l-istabbiliment, qed jipparkjaw il-vetturi quddiem garaxxijiet tar-residenti. Is-Sindku staqsiet jekk il-Kunsilliera jaqblux li waħda mil-*cameras* li għanda ssir fil-pjazza, tiġi relokata fi Vjal Qalbiena Mostin fejn qed jsir l-abbuż ta' parkeġġ.

Il-Kunsilliera Bonnici, nfurmat li *un/loading bay* diġà hemm, u l-Kunsillier Cassar nforma li kienu saru il-*bollards* mil-Kunsill għax tal-linja l-anqas setgħet iddur, minħabba abbuż ta' parkeġġ.

Il-membri preżenti unanimament qablu li qabel ma titressaq jew ssir *camera* fi Vjal Qalbiena Mostin, l-ewwel naraw kif se mmorru bit-tnejn li ser jkunu fil-Pjazza.

**REF: 16.3.3 Kors għal-Anzjani**

Is-Sindku staqsiet jekk bediex dan il-kors. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li mil-uffiċju ċempilna lil dawk li kienu fuq il-lista biex jikkonfermaw jekk bdewx il-kors, fejn kull min ċempilna qalu le. Wara sirna nafu li kien hemm min qal li beda jattendi l-kors, għalhekk ħa nerġaw nivverifikaw u nerġgħu nċemplu uħud mil-lista.

**REF: 11.3.7 Kommunikazzjoni – Diskussjoni re: Contracts Manager**

Is-Sindku nfurmat li kulħadd irċeva imejl bl-*updates* li għaddew fl-aħħar laqgħa. Is-Sindku staqsiet jekk xi Kunsilliera għandhomx xi *feedback.* Il- Kunsilliera qablu li titneħħa is-*6 months probation* għax jidher li meta jkun kuntrattur ma jkunx hemm *probation.*

Is-Sindku nfurmat lil Kunsilliera biex jibgħatu l-kummenti tagħhom sal-Ġimgħa 12 ta' Ġunju, jekk *back Office* ma jirċievu xejn, jinħareġ it-tender.

**REF: 18.3.8 Komunikazzjoni – Bowsers ta' l-ilma Housing Estate**

Is-Sindku staqsiet meta ha ssir l-ewwel tisqija. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-ewwel wieħed probabbli f'Ġunju, u ħa tinforma lis-Sindku bid data kif jinfurmaħħa l-kuntrattur.

Il-Kunsillier Cassar nforma lis-Sindku li meta kienu jingħataw il-*bowsers,* għax il-kuntrattur ta' qabel WM Environmental ma kienx jaħdem u jagħmel it-tisqija. Is-Sindku nfurmat li l-kuntrattur tagħna l-ġdid jmur jsaqqi, imma hemm ftit *soft areas* li baqaw jieħdu ħsiebhom ir-residenti.

Il-Kunsillier Cassar staqsa dwar kif bqajna fuq il-każ ta' WM, u s-Sindku nfurmat li l-Kunsill kien bagħat s-somma approvata mil-Kunsill fejn WM ma kienx qabel, u għalhekk issa qed nistennew li nibdew każ l-qorti.

**REF: 11.4.15 PAMA**

Il-Kunsillier Camilleri nforma li l-ktieb qed jduru imma sfortunatament hemm ħafna ineżattezzi, għalhekk trid issir laqgħa ma l-awtur biex jitranġaw liż-żbalji, kif wkoll persuni oħra li mhumiex msemmijin.

Rigward il-PAMA l-Kunsillier Cassar nforma li l-kuntratt tal-PAMA skada, u għalhekk talab lis-Sindku u lil membri preżenti biex tintbagħat ittra uffiċjali mil-avukat tal-Kunsill, lil-PAMA kif wkoll lil Awtorità ta' l-Ippjanar li l-PAMA għadhom qed jitlajjaw, minkejja x-xogħol ta' *survey* li tlabna dwar is-saqaf tal-ġibjun, dawn ma kellhomx għalfejn jdumu daqshekk biex jitlesta l-proġett.

Il-Viċi Sindku żied jgħid li mportanti li l-Perit tal-PAMA jiċċertifika s-saqaf tal-ġibjun, għax is-*survey* tat-Terracore huwa biss rapport ta' x'sab.

**REF: 16.3.4 Outdoor Gym Zokrija**
Il-Kunsillier Cassar talab jekk jistax jkollna xi ritratti tax-xogħolijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota.

**REF: 18.3.3 Kommunikazzjoni Bye Laws Ġonna u Ħamiem**
Il-Viċi Sindku staqsa dwar il-Ġnien l-Għarusa tal-Mosta jekk rċevejnhiex risposta dwar id-devoluzzjoni, u dwar il-kjarifika l-*overlapping* tas-sinjali li hemm fuq il-pjanta tal-*ownership*. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li għad ma rċevejnhiex risposta mil-Lands.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 18 .

**19.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza**

**19.3.1- Korrispondenza - Talba sabiex isir sleeping police fi Triq Sagra familja Bidnija**
Is-Sindku qrat l-ittra tat-talba li saret min resident għal *sleeping police* fi Triq Sagra familja Bidnija. Din it-triq bħal issa qed issir min Infrastructure Malta.

Il-membri preżenti unanimament ma qablux li ssir *sleeping police*, peress li din it-triq mhux dritta u għanda bosta liwjiet, u talbu biex din it-talba u deċiżjoni tal-Kunsill tintbagħat lil Transport Malta u Infrastructure Malta għal informazzjoni tagħhom.

**19.3.2 Kommunikazzjoni-Nominazzjoni tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv**
Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lil membri preżenti għal-approvazzjoni ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv is-Sur Kurt Guillaumier, li huwa Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' San Gwann.

Il-membri preżenti unanimament approvaw biex is-Sur Kurt Guillaumier jkun id-Deputat Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill tal-Mosta.

**19.3.3 Kommunikazzjoni-Kids Summer Courses**
Is-Sindku nfurmat li TCTC bħas snin ta' qabel ser jsiru l-*courses* tar-Robotica u Coding.

Il-kunsill għandu l-għażla li jħallas miżata ta' Euro 2,000.00, minflok iħallas Euro 1300.00 għal kull kors u jorganizza ż-żewġ proġetti.

Il-ħlas normali għal dan it-taħriġ huwa ta' Euro 295.00. Permezz ta' ftehim il-ħlas li l-ġenituri se jħallsu huwa ta' Euro 50.00 għal kull kors.

Il-membri preżenti staqsew biex jkollhom informazzjoni dwar kemm attendew fl-2019.

**19.3.4 Kommunikazzjoni - Approval of Legal Services to the Mosta Local Council with direct order quotation**.
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li wara li ntalbu l-kwotazzjonijiet għal-servizzi legali, l-irħas kwotazzjoni kienet tal-Avukat Dott. Mario Mifsud.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-kwotazzjoni.

**19.3.5 Kommunikazzjoni - PA 05680/19- Demolition of existing building with retention of existing facade and construction of 92 parking spaces from basement level -3 to -1, 1 Class 4B shop at ground floor and Class 4A offices from 1st floor to receded floor with a different layout from that approved in PA 3344/16 and extension to site consisting of construction of 1 Class 4B shop, 6 apartments and 2 penthouses. Permit shall include the refund of CPPS contributions paid in previously approved development permit PA 3344/16 as per Circular PA 2/18.**

Il-Kunsillier Howard spjega l-Mosta għanda toroq antiki, u proġett bħal dan jinvolvi użu ta' trakkijiet kbar li mil-esperjenza dejjem jispiċċaw jagħmlu ħsara lit-tarmak, kif wkoll fil-katusi tad-drenaġġ tar-residenti. Għalhekk, kuntratturi jridu jkunu responsabbli tal-ħsarat li jistaw jsiru.

Il-membri preżenti unanimament approvaw li tintalab garanzija mil iżviluppatur, u r-rata tkun pro-rata u tinħadem skond il-wesgħa tal-faċċata.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex l-Perit tal-Kunsill jkun jista' jagħmel stima tal-garanzija.

**19.3.6 Kommunikazzjoni – Festivals Malta**

Il-Sindku nfurmat li tkellmet ma Festivals Malta fejn fit-19 ta' Ġunju, ħa jkun hawn *double decker bus*, li tkun qed iddur il-lokalità u jagħtu *entertainment* min fuq il-*bus*. Is-Sindku ħa tissuġġerixxi l-Pjazza, Sta. Margerita u Housing Estate, però Festivals Malta iridu jikkonfermaw. Din l-attività hija b'xejn.

Il-membri preżenti unanimament approvaw.

**19.3.7 Kommunikazzjoni – Tables and Chairs**

Il-Sindku nfurmat li ġiet avviċinata minħabba l-permessi tat-*tables and chairs* għaż-żmien il-festa, u staqsiet lil-Kunsillier Cassar x'direzzjoni għandhom. Il-Kunsillier Cassar nforma li s'issa d-direttiva ta' l-isqof huwa li ssir festa interna, u d-direttiva mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika huwa li ma jsirux attivitajiet tal-massa, u għalhekk barra m'għandhomx jinħarġu mwejjed u siġġijiet.

Uħud mil-membri preżenti qablu li għadu prematur li jinħarġu tali permessi, għax l-affarijiet jistgħu jinbidlu min ħin għal ieħor u fi ftit ġranet.

Il-Kunsillier Howard issuġġerixxa, li jekk jinħarġu permessi li dawn żgur ħa jkollhom linja gwida li jridu josservaw, mela kull stabbiliment jrid jkollu Pulizija *extra* biex jara li l-linji gwida relatati mal COVID-19 jiġu osservati, u s-servizz tal-Pulizija jrid jitħallas mil-istabbiliment.

Għalhekk il-membri preżenti unanimanent qablu, li għanda nistaqsu lis-Supretendenza tas-Saħħa Pubblika għal-linja gwida. Tali permessi jridu jiġu preparati min qabel, u għalhekk jekk jinħarġu kwalunkwe tip ta' permessi, fuq dawn il-permessi trid tiżdied klawżola li l-permess jista' jiġi revokat, skond ir-regoli tas-Supretendenza tas-Saħħa Pubblika li jistaw jinbidlu min żmien għal żmien.

**19.3.8 Kommunikazzjoni – Fire Engines**

Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat biex ma ninsewx nibbukjaw il-*fire engines* għax in-nar ta' l-ajru tal-festa ħa jsir fl-14 u 15 ta' Awissu.

Il-membri preżenti unanimament approvaw li jkun hemm *wardens*, biex jżommu l-ordni relatati mad-direttivi tal-COVID-19 mingħand is-Supretendenza tas-Saħħa Pubblika.

**19.3.9 Kommunikazzjoni – Gabbani**
Is-Sindku nfurmat lil membri preżenti li għal-laqgħa li jmiss ħa tkun qed tressaq fuq l-aġenda, biex nibdew naħdmu fuq *bye-law* minħabba l-gabbani, biex naraw li l-gabbani li qed jiġu jħallsu l-permessi, jekk ma jiġux jarmaw jitilfu d-dritt li jarmaw is-sena ta' wara.

Il-Kunsillier Cassar nforma lis-Sindku li jaqbel però ma li ma tistax tagħmel din it-tip ta' *bye-law* għax regolati mit-Trade Licensing. Il-Kunsillier Cassar qal li għandna naqblu li m'għandhomx jiżdiedu aktar posti għal-gabbani, għax hemm wisq, u il-maġġoranza tal-ħin jkunu vojta għax il-pubbliku jippreferi jpoġġi bil-qegħda fuq l-imwejjed tar-ristoranti, ħlief dawk li jbiegħu it-*toys.*

Il-Kunsillier Cassar żied jgħid li fiż-żmien il-Kunsill ta' qabel fuq proposta tal-Membru Parlamentari Alex Muscat, kienet li l-festa tal-Mosta hija festa daqs *restaurant* li joffri *silver service,* u għalhekk permess il-Mosta għandu jiswa iktar min permess ġewwa raħal ieħor, u din ma ġietx aċċettata. Jekk sid tal-gabbana ma jħallasx permess ta' sena, jitlef postu, imma jekk jibqa' jħallas jista' ma jiġix jarma, u qatt ma jitlef postu. Meta kienet ġiet Avukata ta' sid wieħed mil-gabbani, dawn qalu li meta taret il-kamra tan-nar tal-Mosta, kieku ma kellhomx permess mħallas x'imkien ieħor sidien tal-gabbani kienu jispiċċaw bla xogħol, u din ġiet ikkonfermata wkoll mid-Dipartiment tat Trade Licensing.
F'Malta kolla hija prassi u n-norma li gabbana jkollha iktar min permess wieħed fl-istess ġurnata f'irħula differenti.

Dan huwa proċess li diġà sar u jista' jkun min dak iż-żmien inbidlu l-affarijiet. Għalhekk, l-aħjar l-ewwel niċċekkjaw il-fatti, qabel ma naħlu r-riżorsi naħdmu fuq *bye-law*, u jkun għalxejn.

Is-Sindku nfurmat wkoll li ħa tressaq xi emendi fil-gabbani kif ħa jkunu qed jarmaw u spazju ġdid fi triq Kostituzzjoni, u toroq oħrajn li jista' jkun nikkunsidraw li jersqu.

**19.3.10 Kommunikazzjoni – Mwejjed tal-Qubbajd**
Is-Sindku nfurmat lil membri preżenti li għal-laqgħa li jmiss ħa tkun qed tressaq fuq l-aġenda, biex nibdew naħdmu wkoll fuq proċedura dwar kif għandhom jarmaw l-imwejjed tal-qubbajt, fejn is-sena l-oħra irrifjutajna applikazzjoni ta' *tables and chairs*, biex imbagħad min kellu permess għal mejda tal-qubbajt ma ġiex jarma.

**19.3.11 Kommunikazzjoni – Kapella Sant Andrija**
Is-Sindku nfurmat lil membri preżenti li ġiet ikkuntattjata mis-Sur Raymond Grasso, fejn talab lil-Kunsill biex ngħinuh bħala servizz ta' Perit. Is-Sur Grasso bagħat korrispondenza lil Ministri Hose Herrera u Julia Farrugia. Il-Ministru Farrugia talbet lis-Sur Grasso għal-kwotazzjoni. Is-Sindku nfurmat li flimkien mal-Kunsillier Camilleri talbu biex jkun jista' jgħin wkoll il-Perit Lawrence Gatt f'din il-kwotazzjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li din il-kappella hija proprjetà tal-knisja u l-Kunsill ma jidħolx fuq spejjez ta' terzi, apparti li fuq il-knisja hemm il-Kurja li għanda l-periti u l-avukati tagħha. Is-Sindku nfurmat li l-Kunsill huwa intermedjarju, u dan is-servizz ħa jingħata b'xejn mil-Perit

Gatt, imma l-Arċipriet jrid jitkellem mal-Perit, mhux mas-Sur Grasso. Is-Sur Grasso huwa biss il-persuna li jieħu ħsieb il-kappella.

**19.3.12 Kommunikazzjoni – Skart Riċiklat**
Is-Sindku nfurmat li l-bieraħ kellha l-laqgħa tar-reġjun, fejn ġie diskuss biex l-iskart tar-reċiklaġġ jinħareġ reġjonali, fejn jkun responsabbli liema kuntrattur ser jiġbor l-iskart tar-reċiklaġġ. Is-Sindku talbet iktar informazzjoni għax ir-reġjun għadhom mhux ċerti fuqha.

Is-Sindku żiedet tgħid li l-unika inkwiet tagħha huwa li fir-riforma l-ġdida tal-Kunsilli, hemm propost li l-iskart jiġi miġbur *overall*, u għalhekk jekk il-Kunsill japprova ġbir ta' skart riċiklat reġjonali, tibża li jiġi *shifted* it-*trend* u mmorru *organic* u borża s-sewda reġjonali wkoll, u għalhekk taħseb li l-Kunsill jkollu inqas kontroll fuq il-ġbir ta' l-iskart.

Is-Sindku talbet il-kummenti tal-Kunsilliera preżenti jekk il-Kunsill għandux jmur reġjonali għal ġbir ta' skart riċiklat.

Il-Kunsillier Howard nforma li l-ewwel hemm bżonn iktar informazzjoni u x'inhu l-ħsieb wara din deċiżjoni tar-reġjun. Kif qegħdin bħalissa qed naħdmu sew, huwa sostenibbli u għaddejjin tajjeb u għalhekk ma jaqbilx għax nitilfu l-kontroll. Il-Kunsillier Cassar żied jgħid li m'hawnx kuntratturi li huma kapaċi jieħdu tender reġjonali għax dawn m'għandhomx trakkijiet biżżejjed u huwa magħruf li jissellfu ta' xulxin, sakemm ma jkunx xi tip ta' konsorzju kif kien hawn fil-passat.

Il-membri preżenti unanimament m'approvawx li l-Kunsill jmur reġjonali fil-ġbir ta' skart riċiklat.

**19.3.13 Kommunikazzjoni – Planning Development Funds**
Is-Sindku nfurmat li kellha laqgħa mal-Planning Authority u l-Ministeru ta' l-Ambjent dwar l-Planning Development Funds. Dawn ser jkun hemm *updates* fuq il-lista ta' fejn jistaw jintużaw il-fondi. Qabel NGO's riedu jitolbu permess l-Kunsill biex jagħmlu proġett min dawn il-fondi, issa dan il-fond qed jiġi mifrud bi 80% Kunsilli u 20% NGO's, u għalhekk NGO's m'għandhomx għalfejn jibqaw jitolbu permess lil-Kunsill. Bħalissa f'dan il-fond hemm 1.4 miljun.

Is-Sindku talbet biex il-Kunsill xorta jibqa' jiġi notifikat. Proġetti ambjentali u dawk mar-reġjun il-fondi jibqaw 100%. Proġetti Green Blue Initiatives, il-fond jkun ta 105%, fejn il 5% jingħataw mil-ewwel biex jkun jista' jsir manutenzjoni. Fejn jidħlu proġetti Green Blue Initiatives, meta jsiru studji, dawn huma wkoll rimborżati.

Rigward l-Outdoor Gym taż-Żokkrija, is-Sindku nfurmat li bħalissa għandna il-*go ahead* verbali u għad irridu nerġaw nippreżentaw il-proġett finali, biex jiġi assessjat u approvat. Issa ħa jinbidlu l-affarijiet fejn jrid jsir kuntratt bi prinċipju li awtomatikament ħa jiġu riservati l-fondi.

Is-Sindku nfurmat li ħa tiċċirkola l-materja li ġiet diskussa waqt il-laqgħa l-bieraħ, malli jibgħatuwila.

**19.3.14 Kommunikazzjoni – Skema issebbaħ il-lokal**

Is-Sindku staqsiet jekk fis-snin ta' qabel Il-Kunsill kienx applika. Il-Kunsillier Cassar nforma li iva, u li l-Kunsill kien ibbenefika min 40,000 Ewro f'siġar tar-rand fejn il-Kunsill kien applika fiż-żmien l-eks Sindku Shirley Farrugia, u saru fiż-żmien l-eks Sindku Edwin Vassallo.

Is-Sindku nfurmat li jekk il-Kunsill għadu ma użax il-fond kollu, dan ġie estiż sa Diċembru 2022. Il-Kunsillier Cassar nforma li ridna nużawhom bl-għaġla u ntefqu ta' malajr.

Is-Sindku talbet lis-Segretarju Eżekuttiv biex tiċċekkja jekk għadx fadal flus li nistaw nieħdu min din l-iskema Sebbaħ il-Lokal.

Il-Kunsillier Cassar talab biex issir sospensjoni ta' l-aġenda biex jiġi diskuss *item* 19.5.5 Tat-Targa Battery update report, għax kellu bżonn jiġi skużat mil-laqgħa.

**19.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**19.4.1 Patri Guże Delia**

Il-Kunsillier Gatt staqsa jekk bħala Kunsill nistawx inkellmu lil Transport Malta, għax it-trasport pubbliku mhux qed jgħaddi min din it-triq. Is-Sindku nfurmat li bagħtet tinforma lil uffiċjal tat-Trasport Pubbliku.

**19.4.2 Proġett Ħamiem**

Il-Kunsillier Gatt staqsa jekk hemmx informazzjoni dwar l-proġett tal-ħamiem mil-AKL. Is-Sindku nfurmat li m'għandhiex *updates.*

Fit 8:30pm Il-Kunsillier Gatt talab biex jiġi skużat mil-laqgħa.

**19.4.3 Ġieħ il-Mosta**

Il-Kunsillier Camilleri flimkien mal-Kunsillier Cassar tressqet ittra ta' mozzjoni ta' vot favur mil-Kunsilliera kollha, biex il-Profs. Charmaine Gauci is-Supretendent tas-Saħħa Pubblika tingħata Ġieħ il-Mosta.

Il-membri preżenti unanimament approvaw li Ġieħ il-Mosta tingħata issa lil Profs. Gauci u mhux f'Settembru għax-xogħol li wettqet.

Il-Kunsillier Camilleri nforma lil membri preżenti li ħa jieħu ħsieb il-preparazzjoni għal-ċerimonja żgħira għal-familja tagħha, u kul Kunsillier jista' jġib sa persuna waħda miegħu/magħha.

**19.4.4 Tal-Wej (Sta. Margerita)**

Il-Kunsillier Camilleri nforma tal-Wej ġiet inkluża bħala sit ta' Natura 2000 fejn hemm qabar puniku. Is-sid ta' l-għalqa fejn hemm dan il-qabar puniku naddfu kemm il-darba, u għad fadal xi materjal goff, u talab il-Kunsill biex ngħinuh billi nipprovdu skip.

Il-Kunsillier Cassar talab għal-approvazzjoni biex niprovdu skip u ssir attività ta' tindif, kif wkoll nforma lil-membri preżenti li tkellem wkoll mal-Ministru Aaron Farrugia fejn offra li jgħin il-Kunsill biex jsir ilqugħ għal dan il-qabar biex jibqa' jitgawda.

Il-membri preżenti unanimament approvaw.

**19.4.5 Sqaq Grech Mifsud**
Il-Kunsillier Camilleri nforma li dan l-isqaq mhux privat u huwa l-unika sqaq f'Main Street li mhux pavimentat. Ir-residenti talbu biex xi darba l-Kunsill jikkonsidra li jiġi pavimentat.

Il-Kunsillier Bonnici resqet suġġeriment li xi ħaġa li l-Kunsill jista' jagħmel huwa li jinħasel dan l-isqaq, għax waqt il-COVID-19 dan l-isqaq spiċċa latrina pubblika u r-riħa li hemm hija insapportabli.

Il-membri preżenti unanimament approvaw li jinħasel dan l-isqaq, u tintalab kwotazzjoni, kif wkoll biex nistaqsu lil Planning Authority jekk dan l-isqaq jistax jiġi nkluż ma l-isqaqien l-oħra li diġà applikajna biex jsiru mid-Development Funds.

**19.4.6 Drive-In Ċinema**
Il-Kunsillier Camilleri flimkien mal-Kunsilliera Bonnici nforma li qed jiġi propost biex f'erba' siti madwar il-Mosta jiġi organizzat *drive-in* ċinema. Il-kwotazzjoni għal apparat, skreen, *sound* etċ huwa ta' €5,000 VAT mhux inkluż. Il-film/s li ħa jintwerew qed jiġi diskuss li jinġabu bla ħlas, anke minħabba il-liċenzja tal-KRS.

Il-membri preżenti unanimament approvaw li jsir dan l-avveniment.

**19.4.7 Ħasil tal-Pjazza u Culverts**
Il-Kunsillier Howard talab biex tiġi maħsula l-Pjazza, u jitnaddfu l-*culverts* fl-aħħar ta' Lulju u fl-aħħar ta' Settembru.
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li *culverts* jitnaddfu u jinħasslu f'Settembru hekk kif imniżżel fil-kuntratt tal-kuntrattur tal-knis. Dawn jitnaddfu f'Settembru minħabba li f'Awissu s-siġar jwaqqaw l-weraq nixfin u għalhekk ma jagħmilx sens li jitnaddfu qabel Settembru.

Il-membri preżenti unanimament approvaw li l-Pjazza l-ewwel tinħasel imbagħad tiġi *sanitized*. Rigward *culverts* il-membri preżenti unanimament approvaw li f'Settembru il-*culverts* kollha tal-Mosta jitnaddfu bil-*power wash,* u li ta' l-inqas darba kull sentejn dawk il-*culverts* li ma jaqawx taħt ir-responsabiltà tal-Kunsill jingħataw waħda *power wash*.

Il-Kunsilliera Bonnici talbet biex din id-darba dawk il-*culverts* li qegħdin viċin il-bankini u djar residenzjali, il-kuntrattur jrid joqgħod attent għax s-sena l-oħra daħal ilment fejn resident kien għadu kemm għamel il-faċċata. Dan tħammġitlu l-faċċata, l-bieb u l-*intercom* b'kollox wara li nħaslu l-*culverts.*

**19.4.8 Dustbins tal-Pjazza**
Il-Kunsilliera Bonnici staqsiet meta jitnaddfu id-*dustbins* tal-Pjazza, u l-Kunsillier Howard nforma li kuljum jitnaddfu.

**19.4.9 Parkour**
Il-Kunsilliera Zerafa staqsa jekk hemmx xi *update* dwar il Parkour. Is-Sindku nfurmat li oriġinarjament l-ewwel kellu jibda l-proġett tal-Blata l-Għolja, u sar *meeting* fuq is-sit fejn wara nqala l-Parkour. Fl-istess ġurnata wasal l-*equipment* kollu tal-Outdoor Gym, u peress li ma kellnhiex post fejn jinżamm l-*equipment,* kellna nibdew l-Outdoor Gym l-ewwel. Issa l-proġett li jmiss huwa dak tal-Parkour, fil-fatt issa ħa jibda ir-*rubber flooring* tal-Blata l-Għolja.

Il-Kunsilliera Bonnici talbet biex ngħaddu pjanta tal-Parkour. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tibgħat il-pjanta lil Kunsilliera Bonnici u Zerafa.

**19.4.10 Jum Dinji Donaturi tad-Demm**

Is-Sindku nfurmat li l-Jum Dinji tad-donaturi tad-demm li huwa nhar il-Ħadd 14 ta' Ġunju, il-Kunsill Lokali bħal lokalitajiet oħra ħa jkun mixgħul bl-aħmar. Għal min mil-Kunsilliera jixtieq jagħti d-demm, hi ħa tkun qed tmur iċ-ċentru ta' l-għotja tad-demm nhar l-Ħamis 11 ta' Ġunju bejn 4:00pm u 6:00pm.

**19.4.11 Bust Giorgio Grognet de Vasse**

Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li meta l-Parroċċa għalqet 400 sena, is-soċjetà Piroteknika 15 t'Awissu kienu għamlu bust u ma l-iskola primarja A ta' Giorgio Grognet de Vasse. Dan il-bust għandu bżonn tindifa u l-kliem fuq l-irħama m'għadux jidher.

Il-Kunsilliera preżenti unanimament approvaw biex jitnaddaf u jimtela l-kliem ta' fuq l-irħama bil-grout apposta.

**19.4.12 Triq il-Bwieqi u Triq il-Fuħħar**

Il-Kunsillier Deguara staqsa jekk sarx il-*patching* ta' Triq il-Bwieqi u Triq il-Fuħħar. Is-Sindku nfurmat li l-handyman tal-Kunsill nfurmat biex jsiru.

**19.4.13 Sqaq fi Triq il-Bufula l-Ħamra**

Is-Sindku resqet ritratti ta' sqaq fi triq il-Bufula l-Ħamra k/m Triq l-Alwetta għal approvazzjoni tal-Kunsilliera biex dan l-isqaq jingħata wiċċ tal-konkos, kif wkoll biex jiġi livellat tali mod li l-ilma tax-xita jmur fil-ġnub ta' l-isqaq.

Fid-9:00pm Il-Kunsillier Cassar reġa' daħal għal-laqgħa.

Il-Kunsillier Cassar nforma li taħt it-triq għaddej *culvert* li mil-ġibjun jmur għal Valletta Road, u kull ma jrid jsir huwa sprall.

Il-Kunsilliera preżenti unanimament approvaw biex dan l-isqaq jsir mid-Development Funds, billi jingħata wiċċ tal-konkos u jsir sprall. Il-Viċi Sindku ir-rimarka li mportanti li l-ewwel jinqala l-konkos li hemm għax ma jistax jinqabeż il-qatran, u jsir il-konkos il-ġdid flok li hemm bħal issa.

**19.5 Rapporti**

**19.5.1- Approvazzjoni għall-Epos Machine**

Is-Segretarju Eżekuttiv talbet jekk xi ħadd mil-membri preżenti kellux xi mistoqsijiet dwar iċ-Ċirkulari AKL 2020/058 li ġiet iċ-ċirkolata mal-Kunsilliera biex il-Kunsill japplika għal-EPOS *machines*.

Ma kienx hemm mistoqsijiet u l-membri preżenti unanimament approvaw biex il-Kunsill japplika għal EPOS *machines.*

**19.5.2- Approvazzjoni għal xiri ta' 2 mowbajl *phones* (żewġ linji ġodda u mowbajl l-antik biex jinbidel għal android phone)**

Il-membri preżenti unanimament approvaw 2 mowbajl phones u linja ġdida.

**19.5.3 Approvazzjoni- Ingaġġ ta' skrivan skala 15**
Il-membri preżenti unanimament approvaw li l-Kunsill għandu fondi biex iħallsu l-paġi tal-ħaddiema preżenti u dawk li dwarhom qed issir din it-talba li jiġu impjeġati, b'mod indefinit mill-fondi tal-Kunsill.

**19.5.4 Update dwar approvazzjoni ta' 3 assistent skrivan skala 16**
Il-membri preżenti unanimament approvaw li l-Kunsill għandu fondi biex iħallsu l-paġi tal-ħaddiema preżenti u dawk li dwarhom qed issir din it-talba li jiġu impjeġati, b'mod indefinit mill-fondi tal-Kunsill.

**19.5.5 Tat-Targa Battery update report**
Il-Kunsillier Cassar nforma li meta twaqqaf l-*agreement* bejn il-Mosta Scouts u l-Kunsill, kien twaqqaf kumitat fejn hu qiegħed fuq dan il-kumitat, u jekk il-Kunsill jixtieq jbiddel ir-rappreżentanza tiegħu, jista' jaħtar u jibdel il-Kunsillier.
Il-Kunsillier Cassar nforma li ser jsir proġett ta' tisbiħ min Infrastructure Malta, fejn ser jitħawlu iktar siġar fl-entratura u titranġa r-rampa. Din ir-rampa iffurmat maż-żmien bl-imbarazz li kien jintrema mil-pubbliku, u taħtha hemm miżbla, u meta saret l-*open day* intefa żrar biex jkunu jistaw jimxu n-nies, fejn imbagħad ġew tal-Planning Authority u kienu ħarkuhom fuqha, imma l-Iscouts kienu irranġaw fuqha. Però xorta trid titranġa r-rampa u l-Iscouts tkellmu ma Dott. Rachel Powell min Infrastructure Malta li hija responsabbli mil-Landscaping ta' Malta.
Il-Kunsillier Cassar żied jgħid li dan il-proġett ħa jibda fil-ġranet li ġejjien, u mhux ħa jkun qed jiswa xejn lil-Kunsill.

Fit 8:15pm Il-Kunsillier Cassar talab biex jiġi skużat mil-laqgħa.

**Awarding of Tenders**
**19.5.6 KLMT-01-2012 - Printing of Mosta Local Council Magazine, Flyers and Printed Materials**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li tender KLMT-01-2012 - Printing of Mosta Local Council Magazine, Flyers and Printed Materials, ġie evalwat u f'finalizzat, jinħareġ r-rapport ta' evalwazzjoni u jibdew it-10 *days contestation.*

**19.5.7 KLMT-02-2020 - Remove of existing Air-Conditioning unit/s, Supply and Installation of new Air- Conditioning System in Mosta Town Hall**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li tender KLMT-02-2020 - Remove of existing Air-Conditioning unit/s, Supply and Installation of new Air- Conditioning System in Mosta Town Hall, ġie evalwat mil-inġinier fejn ħa jintbagħatu għal *clarifications* mil-*bidders*. Kif l-inġinier tirċievi r-risposti tal-*clarifications* niġu nfurmati jekk kienx hemm min hu *non-compliant* fit-*technical specifications.*

**19.5.8 KLMT-03-2020 - Tender for the Supply, Installation and Maintenance of Traffic Signs and Road Markings**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li tender KLMT-03-2020 - Tender for the Supply, Installation and Maintenance of Traffic Signs and Road Markings, ġie evalwat u f'finalizzat, jinħareġ r-rapport ta' evalwazzjoni u jibdew it-10 *days contestation.*

**19.5.9 Talba għal xogħol b'telework**
Is-Segretarju Eżekuttiv resqet talba għat *teleworking* ta' l-impjegata Candice Coppola.

Il-membri preżenti unanimament approvaw l-applikazzjoni.

**19.6. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**19.6.1 Skeda ta Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 104.
Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 20 ta' Mejju sat-9 ta' Ġunju 2020.

**19.6.2 Purchase Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-purchase orders.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**19.6.3 Works Orders**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-works orders.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**19.6.4 Petty Cash**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-petty cash.
Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu il-lista tal-petty cash li tkopri xahar ta Mejju 2020. Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**19.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fid-9:00 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għad-9 ta' Lulju 2020.

Konfermati llum 9 ta' Ġunju 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Romilda B. Zarb | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |